

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Lulju 2013, AN vs Il-Kummissjoni (F-111/10, ĠabraSP, EU:F:2013:114), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), AN vs Il-Kummissjoni (F-111/10, ĠabraSP, EU:F:2013:114), hija annullata peress li naqas milli jiddeċiedi fuq il-motiv ibbażat fuq l-irregolarità tal-investigazzjoni bir-referenza CMS 07/041.
- 2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.
- 3) L-appell ippreżentat minn AN quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-111/10 huwa miċħud.
- 4) AN għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea marbuta kemm mal-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll dawk marbuta ma' din l-istanza.
- 5) Il-Kummissjoni għandha tbat i nofs l-ispejjeż rispettivi tagħha marbuta kemm mal-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll dawk marbuta ma' din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 367, 14.12.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2014 – Groupe Canal + vs UASI – Euronews (News+)**

(Kawża T-591/13) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali News+ — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti ACTU+ — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 046/63)

Lingwa tal-kawża: il-Frañċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Groupe Canal + (Issy-les-Moulineaux, Franza) (rappreżentanti: L. Barissat u R. Joseph, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Euronews (Écully, Franza) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Schmitt, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Settembru 2013 (Każ R 1533/2012-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn, minn naħa, Groupe Canal + u Canal + France u, min-naħa l-oħra, Euronews.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Groupe Canal + huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 31, 01.02.2014.